**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Jannar, 2018

Rikors Konġunt Nru : 389/17AL

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

i. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) (vide Certifikat taz-Zwieg relattiv, mal-prezenti anness u immarkat Dok. A);
ii. Illi l-esponenti huma genituri tal-minuri J A imwieled nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' April, tas-sena elfejn u hamsa (2005) (vide certifkat tat-twelid relattiv, mal-prezenti anness u mmarkat – Dok. B);
iii. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku in Atti tan-Nutar Dottor Reuben Debon, nhar il-hdax (11) ta' Frar, tas-sena

elfejn u hdax (2011) (vide Vera kopja tal-Kuntratt, mal—prezenti annessa u mmarkat Dok. C);

iv. Illi ghal kull buon fini jigi rilevat illi l-esponenti AB jghaddi b'mod regolari il-manteniment versu l-minuri J A, lill-esponenti C D, u dan skont dak stipulat fil-kuntratt tas-separazzjoni ta' bejniethom – skond Klawsola Numru 5(a)(v) tal-istess kuntratt ;

v. Illi ai finijiet tas-subartiklu 66B tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jigi dikjarat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontedenti, u ghalhekk dan ir-rekwizit huwa sodisfatt;

vi. Illi ma hemm ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment fil-konfront ta' xulxin bejn il-kontendenti;

vii. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont Artikolu 66B tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

i. Tawtorizza u tippronunzja d-Divorzju bejn AB (K.I. 234482M) u CD (K.I. 448786M);

ii. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti, mahlul ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imħolli għalhekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet, sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Ottubru, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-11 ta' Frar 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.